MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 516/2003

**Antoine Vassallo f'ismu proprju u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Clyde u Tracey konjugi Debono**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita tieghu premessi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komlessiva ta' elfejn, erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2425.75) dovuta mill-konvenuti in kwantu ghas-somma ta' elfejn u tlieta u erbghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm2043.83) dovuta fuq kambjali mill-konvenuti iffirmati u li d-data ta' maturita' taghhom skadiet (annessi mal-avviz u mmarkat Dok 1-31) u in kwantu ghas-somma ta' tliet mija u wiehed u tmenin lira maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm381.92) dovuti bhala imghax fuq l-istess somma.

Bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 10 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex il-konvenuti wiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-30 ta' Novembru 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi s-somma ta' Lm2425.75,0 bl-imghaxijiet legali ulterjuri mis-16 ta' Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------